**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviż Nru. 753/02VG**

**Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd.**

**Vs**

**Anthony Farrugia**

**Illum 18 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż ippreżentat mis-soċjetà Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd. fid-9 ta' Diċembru 2002, permezz ta' liema titlob li Anthony Farrugia jiġi ikkundannat jiżgombra mill-għalqa Tan-Nadur limiti taż-Żurrieq, kif indikata bl-aħmar fuq il-pjanta annessa ma' att tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tas-6 ta' Ġunju 1992, tal-kejl ta' ċika sebgħat itmiem u ċioè $7868m^2$ jew kejl verjuri, konfinanti Tramuntana ma' beni ta' Catherine Caruana, Xlokk ma' beni tas-soċjetà attriċi u Nofsinhar ma' Triq bla isem in parti w in parti ma' beni ta' l-eredi ta' Saverio Farrugia, liema għalqa huwa qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi u liema għalqa wkoll ġiet akkwistata minnha permezz ta' żewġ kuntratti in atti Nutar Dottor Mario Bugeja tas-6 ta' Ġunju 1992, Dok. "A" anness ma' l-Avviż, u tas-6 ta' Lulju 2004, DOk. "B" anness ma' l-Avviż; it-titolu ta' liema art favur tagħha jirriżulta wkoll miċ-ċertifikati maħruġa mir-Reġistru ta' l-Artijiet Dok. "C" sa' Dok. "F" annessi ma' l-Avviż, bl-ispejjeż kontra Anthony Farrugia;

Rat li s-soċjetà attriċi ddikjarat li għall-fini ta' kompetenza l-valur lokatizju ta' l-għalqa *de quo* ma jeċċedix hamest elef Lira (Lm5,000);

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviż markati Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 2 sa' 14 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema jeċċepixxi: (i) preliminarjament huwa ma qiegħed u lanqas iddetjena xi għalqa appartenenti lis-soċjetà attriċi u fl-ebda ħin ma oppona jew ostakola lis-soċjetà attriċi jew xi rappreżentant tagħha mill-pussess ta' l-għalqa li tinsab fuq wara tar-razzett in parti proprjetà tiegħu, proprjetà li wara kollox hija indikata mill-istess soċjetà attriċi

bħala konfinanti l-għalqa li minnha qiegħed jintalab l-izgumbrament tiegħu, stante li huwa wieħed mill-eredi ta' Saverio Farrugia; (ii) wara li huwa vverifika d-dokumenti esebiti mis-soċjetà attriċi, filwaqt li jitlob li l-istess soċjetà attriċi tikjarifika l-fatt jekk hux qiegħda titlob lill-Qorti tordna l-iżgumbrament tiegħu mir-razzett u tomna art madwar l-istess li tagħom huwa in parti proprjetarju, jissottometti li f'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, jitlob is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri stante li jrid jattakka l-validità tad-dokumenti esebiti peress illi: (a) l-awtur tiegħu kien għamel trasferiment in parte mill-istess art u dan kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt anness man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet bħala Dok. "A", però huwa qatt ma biegħ jew ittrasferixxa b'xi titolu ieħor l-istess razzett u tomna art tant illi l-istess razzett u tomna art huma indikati fl-istess avviż bħala konfini; (b) illi fuq l-istess razzett u tomna art għadu jitħallas iċ-ċens sa' illum; (ċ) jekk dan ir-razzett u tomna art ġie indikat bħala akwistat mis-soċjetà attriċi, tali dikjarazzjoni hija skorretta u mhux verosimili u dan kif jiġi indikat peress li din mhux l-ewwel okkazzjoni li l-istess soċjetà attriċi, fl-istess kontrada, għamlet l-istess pretensjonijiet; (iii) huwa ilu fil-pussess ta' l-istess razzett u tomna art għal aktar minn tletin sena u dejjem iddispona mill-istess razzett u tomna art *animo domini* u dan ai termini ta' l-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-dokument anness man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 20 sa' 22 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2003[1], il-partijiet kontendenti ddikjaraw li qed jaqblu li l-art soġġetta għall-kontroversja hija dik murija fil-pjanta a fol.11 tal-proċess fejn il-konvenut qed jivvanta titolu ta' proprjetà u għalhekk qed jikkontesta it-titolu tas-soċjetà attriċi;

Rat li b'Digriet mogħti fl-20 ta' Jannar 2003[2], il-Qorti pprefiġġiet lill-konvenut terminu ta' tlett xhur mid-data tad-Digriet sabiex jippreżenta Ċitazzjoni għall-fini li jiġi ottenut ġudikat dwar it-titolu li jippretendi li għandu u konsegwentement ordnat is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-imsemmija kawża;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2003[3], il-konvenut iddikjara li in ottemperanza mad-Digriet ta' l-20 ta' Jannar 2003 huwa istitwixxa l-proċeduri għad-determinazzjoni tat-titolu fuq l-għalqa in kwistjoni;

Rat li l-proċeudri istitwiti mill-konvenut fl-ismijiet "Anthony Farrugia et v. Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd. et" Ċitaz. Nru. 265/03 ġew deċiżi b'sentenza pronunċjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 2013 u finalment determinati, b'dana li ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Prim' Istanza, permezz ta' sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 2014, liema sentenza ġiet esebita in atti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ippreżentata fil-11 ta' Diċembru 2014 a fol. 58 sa' 71 tal-proċess;

---

[1] Fol. 25 tal-proċess.
[2] Fol. 25 tal-proċess.
[3] Fol. 26 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014[4], id-difensur tal-konvenut iddikjarat li l-istess konvenut irritorna ċ-ċwievet lis-soċjetà attriċi u għaldaqstant il-mertu ta' dawn il-proċeduri ġie eżawrit;

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[5] id-difensur tal-konvenut iddikjara li fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Qrati Superjuri, dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2014, id-difensur tas-soċjetà attriċi iddikjara li l-istess imsemmija soċjetà attriċi tinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi titlob li l-konvenut jiġi orndat jiżgombra mill-għalqa Tan-Nadur limiti taż-Żurrieq, kif indikata bl-aħmar fuq il-pjanta annessa ma' att tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tas-6 ta' Ġunju 1992, tal-kejl ta' ċika sebgħat itmiem u ċioè 7868m$^2$ jew kejl verjuri, konfinanti Tramuntana ma' beni ta' Catherine Caruana, Xlokk ma' beni tas-soċjetà attriċi u Nofsinhar ma' Triq bla isem in parti u in parti ma' beni ta' l-eredi ta' Saverio Farrugia, liema għalqa huwa qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi u liema għalqa wkoll ġiet akkwistata minnha permezz ta' żewġ kuntratti in atti Nutar Dottor Mario Bugeja tas-6 ta' Ġunju 1992, Dok. "A" anness ma' l-Avviż, u tas-6 ta' Lulju 2004, Dok. "B" anness ma' l-Avviż; it-titolu ta' liema art favur tagħha jirriżulta wkoll miċ-ċertifikati maħruġa mir-Reġistru ta' l-Artijiet Dok. "C" sa' Dok. "F" annessi ma' l-Avviż.

Għal finijiet ta' kompetenza s-soċjetà attriċi ddikjarat li l-valur lokatizju ta' l-għalqa *de quo* ma jeċċedix Lm5,000, illum ekwivalenti għal €11,646.86.

Il-konvenut laqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament huwa ma qiegħed u lanqas iddetjena xi għalqa appartenenti lis-soċjetà attriċi u fl-ebda ħin ma oppona jew ostakola lis-soċjetà attriċi jew xi rappreżentant tagħha mill-pussess ta' l-għalqa li tinsab fuq wara tar-razzett in parti proprjetà tiegħu, proprjetà li wara kollox hija indikata mill-istess soċjetà attriċi bħala konfinanti l-għalqa li minnha qiegħed jintalab l-izgumbrament tiegħu, stante li huwa wieħed mill-eredi ta' Saverio Farrugia; (ii) wara li huwa vverifika d-dokumenti esebiti mis-soċjetà attriċi, filwaqt li jitlob li l-istess soċjetà attriċi tikjarifika l-fatt jekk hux qiegħda titlob lill-Qorti tordna l-iżgumbrament tiegħu mir-razzett u tomna art madwar l-istess li tagħhom huwa in parti proprjetarju, jissottometti li f'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, jitlob is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri stante li jrid jattakka l-validità tad-dokumenti esebiti peress illi: (a) l-awtur tiegħu kien għamel trasferiment in parte mill-istess art u dan kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt anness man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet bħala Dok. "A", però huwa qatt ma biegħ jew ittrasferixxa b'xi titolu ieħor l-istess razzett u tomna art tant illi l-istess razzett u tomna art huma indikati fl-istess avviż bħala konfini; (b) illi fuq l-istess

[4] Fol. 55 tal-proċess.
[5] Fol. 56 tal-proċess.

razzett u tomna art għadu jitħallas iċ-ċens sa' illum; (ċ) jekk dan ir-razzett u tomna art ġie indikat bħala akwistat mis-soċjetà attriċi, tali dikjarazzjoni hija skorretta u mhux verosimili u dan kif jiġi indikat peress li din mhux l-ewwel okkazzjoni li l-istess soċjetà attriċi, fl-istess kontrada, għamlet l-istess pretensjonijiet; (iii) huwa ilu fil-pussess ta' l-istess razzett u tomna art għall-aktar minn tletin sena u dejjem iddispona mill-istess razzett u tomna art *animo domini* u dan ai termini ta' l-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

Waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2003[6], il-partijiet kontendenti ddikjaraw li qed jaqblu li l-art soġġetta għall-kontroversja hija dik murija fil-pjanta a fol.11 tal-proċess fejn il-konvenut qed jivvanta titolu ta' proprjetà u għalhekk qed jikkontesta it-titolu tas-soċjetà attriċi. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni, b'Digriet mogħti fl-20 ta' Jannar 2003[7], il-Qorti ppreffiġġiet lill-konvenut terminu ta' tlett xhur mid-data tad-Digriet sabiex jippreżenta Ċitazzjoni għall-fini li jiġi ottenut ġudikat dwar it-titolu li jippretendi li għandu u konsegwentement ordnat is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-imsemmija kawża.

Bħala fatt il-konvenut, flimkien ma' oħrajn, istitwixxa kawża fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Anthony Farrugia et v. Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd. et" Ċitaz. Nru. 265/03 fejn intalab li jiġi dikjarat illi: (1) *l-atturi huma proprjetarji ta' porzjoni art b'razzett fuqha ta' ċirka tomna formanti parti mill-kontrada tan-Nadur limiti taż-Żurrieq kif soggetta għaċ-ċens anwu u perpetwu ...;* (2) *l-aġir tas-soċjetà konvenuta kien affettat minn żball u jew għemil doluż b'dan għalhekk illi kemm iċ-ċertifikat bin-numru 170706003 kif ukoll l-applikazzjonijiet LRA 1524/92, LRC 50/98, LRC 709/99 huma irriti, nulli u mingħajr effett legali kwantu jirrigwarda s-sit in kwistjoni;* u (3) *tornda lid-Dipartiment konvenut* (ossia r-Registratur ta' l-Artijiet) *sabiex jaffettwa kull korrezzjoni li tista' tiġi hekk ordnata għall-istess certifikati aktar 'l fuq indikati.*

Il-konvenuti f'dawk il-proċeduri, inkluż għalhekk is-soċjetà attriċi f'dawn il-proċeduri, ikkontestaw it-talbiet attriċi, bl-imsemmija soċjetà teċċepixxi li: (1) *it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu dak li qiegħed jiġi allegat minnhom illi l-aġir tas-soċjetà eċċipjenti 'kien affettat minn żball u jew għemil doluż'. Is-soċjetà eċċipjenti ottjeniet ir-reġistrazzjoni ta' l-art kollha illi hija akkwistat permezz tal-kuntratti esebiti mill-atturi bħala Dokumenti E u F u għalhekk titlob lill-vendituri imsemmija f'dawn il-kuntratti jiġu kkjamati f'din il-kawża;* (2) *iċ-ċertifikat ta' titolu numru 17007060003 (illum 67000189) ġiet reġistrat wara żewġ applikazzjonijiet LRA 1524/92 u LRA 1618/94;* (3) *Illi l-atturi naqsu li jressqu l-oġġezzjoni tagħhom għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' titolu fuq l-art u l-proprjetà in kwistjoni fi żmien tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-istess applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern u dan ai termini tal-Liġi viġenti dak iż-żmien (Art. 16 ta' l-A.L. 16 ta' l-1982) f'liema ċirkostanzi ma kien hemm ebda ostakolu sabiex issir ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà b'titolu assolut;* (4) *illi dak mitlub mill-atturi ma jistax jitwettaq fir-rigward tal-proprjetà mertu ta' l-applikazzjoni LRA 1524/92 stante li għaddew aktar minn għaxar snin mid-data li fiha saret ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà in*

[6] Fol. 25 tal-proċess.
[7] Fol. 25 tal-proċess.

*kwistjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 51(6) tal-Kap.296;* (5) *illi l-art imsemmija mill-atturi fiċ-ċitazzjoni odjerna ma tappartjenix lilhom;* (6) *il-preskrizzjoini akkwizittiva ta' għaxar snin;* u (7) *il-preskrizzjoni ta' tletin sena.*

B'sentenza pronunċjata fit-13 ta' Ġunju 2013, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, ossia l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' għaxar snin u l-preskrizzjoni ta' tletin sena, laqghet l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati in kawza u ordnat il-korrezzjoni ta' l-okkju fis-sens li kunjom Marisa Sammut għandu jinqara "Zammit" u li l-atti tal-kawza jirriflettu din iż-żieda; u laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tas-soċjetà konvenuta kif ukoll tal-konvenut Reġistratur ta' l-Artijiet u tal-kjamati in kawża u b'hekk ċaħdet it-talbiet attriċi.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili waslet għad-deċiżjoni tagħha in bażi għal diversi konsiderazzjonijiet dettaljati w in kwantu rigwarda t-titolu vantat u pretiż mill-atturi f'dawk il-proċeduri osservat u kkunsidrat illi: *mill-assejm tal-provi u sottomissjonijiet fir-rigward it-talba petitorja l-Qorti hi tal-fehma li **l-attur ma ressaq l-ebda prova li tiswa tat-titotlu vantat minnu, sal-grad ta' ċertezza w univoċità rikjesti mill-Liġi u t-talba tiegħu ma tistax tirnexxi***[8].

L-atturi f'dawk il-proċeduri appellaw mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili iżda l-appell tagħhom ġie miċħud u s-sentenza tal-Prim' Istanza ġiet ikkonfermata b'sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 2014, a bażi *inter alia* tas-segwenti konsiderazzjonijiet: [l-ewwel Qorti] *daħlet biex teżamina **l-pretensjoni tal-atturi illi huma għandhom jedd fuq il-proprjetà akkwistata bi preskrizzjoni, u sabet, però, li ma kienux jeżistu l-elementi meħtieġa biex, skont il-liġi, l-allegat possessur jingħad li akkwista l-proprjetà bi preskrizzjoni. L-ewwel Qorti ikkoncediet illi, fin-nuqqas ta' titolu, "la prova del dominio è permessa con ogni altro mezzo legale", iżda wara analiżi tal-provi prodotti, ikkonkkludiet li ma irrizultalhiex provi konklussivi li l-atturi kienu fil-pussess tal-art għall-almenu 30 sena, animo domini. Dan huwa apprezzament ta' fatt li din il-Qorti ma tiddisturbax jekk ma jirriżultalhiex żball lampanti fl-analiżi li tkun għamlet l-ewwel Qorti. Wara li eżaminat il-provi, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti għamlet analiżi skorretta tal-provi***[9]. *Jirriżulta illi l-atturi naqsu milli jiddikjaraw il-proprjetà li huma qed jippretendu li hi tagħhom fid-dikjarazzjoni causa mortis kemm ta' missierhom u kemm ta' ommhom; kien biss fil-mori ta' din il-kawża li rrealiżżaw il-posizzjoni tagħhom u għamlu dikjarazzjoni causa mortis addizzjonali. Meta missier l-atturi biegħ l-art, ma ssemmiex li baqgħalu jew żamm biċċa art oħra fl-inħawi. L-atturi ma ġabu ebda prova, lanqas li huma reġistrati bħala bdiewa fuq din l-art, kif jallegaw, u lanqas prova li jżommu l-annimali fuq l-istess art. Apparti x-xhieda tagħhom stess, l-atturi ressqu provi oħra li, però, ma huma xejn konvinċenti. Ċertu Joseph Zammit xehed li l-atturi kellhom fil-pussess tagħhom art ta' "madwar 5 jew 6 itmien", u dan meta li pretensjoni tal-atturi hi għal biss tommna! Carmelo*

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.
[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

*D'Amato fix-xhieda tiegħu ma kien xejn ċar dwar liema porzjoni ta' raba kien qiegħed jirreferi, u tenut kont tal-fatt li missier l-atturi kellu raba oħra fl-inħawi, kien meħtieġ identifikazzjoni ċara ta' liema art missier l-atturi kien suppost qed jokkupa. Dan l-istess xhud, mistoqsi biex jgħid lil min kien jara fl-inħawi, wieġeb "… … … daqqa nara lill-attur Anthony Farrugia u daqqa lil ħtinietu", persuni, dawn tal-aħħar, li lanqas huma partijiet fil-kawża u lanqas ma tressqu bħala xhieda.* ***Apparti dan, l-atturi ma ressqu ebda prova oħra biex juru li l-pussess tagħhom kien kontinwu, inekwivoku, bla interruzzjoni, pubbliku u paċifiku***[10] *(ara* ***Caruana v. Vella****, deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 1953). Kif jgħid il-Pugliese ("Trattato della Prescrizione Acquisitiva" 1901 para 103), il-pussesss waħdu ta' art mhux biżżejjed biex tirnexxi pretensjoni ta' akkwist ta' art bi preskrizzjoni, iżda trid prova tal-intenzjoni ghall-akkwist: "Questa volonta` di signoreggiare la cosa e` l'elemento vivificatore del possesso, che lo distingue dalla materiale detenzione, e additandolo all'attenzione del legislatore, lo solleva dalla condizione di un puro fatto a quella di un istituto giuridico". Apparti dan, fuq il-kwistjoni marbuta mal-kejl tal-art, l-ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-kuntratti u l-pjanti esebiti,* ***minn fejn jirriżulta li ma jistax ikun li l-atturi fadlilhom tomna kif qed jallegaw***[11]*. Il-fatt li l-atturi baqgħu jħallsu ċ-ċens fuq il-proprjetà ma jissufraġax it-tezi tagħhom. L-ewwel nett, huma baqgħu jħallsu ċ-ċens kollu u mhux imnaqqas ekwivalenti għat-tomna li qalu li żammew, u fit-tieni lok, li l-art ġiet konċessa lill-awtur tas-soċjetà konvenuta b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa, li jfisser li l-awtur tal-atturi baqa' obbligat versu d-direttarju tal-istess art biex iħallas iċ-ċens dovut. Din il-Qorti, għalhekk, tara li l-aggravji tal-atturi appellanti m'humiex validi.*

In segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell il-konvenut f'dawn il-proċeduri irritorna ċ-ċwievet ta' l-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni lis-soċjetà attriċi, hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014[12]. Fid-dawl ta' dan il-fatt huwa evidenti li llum il-mertu tal-proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti huwa eżawrit, iżda peress illi s-soċjetà attriċi għadha qed tinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjeż - għal liema insistenza l-konvenut jilqa' billi jikkontendi li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti - il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż u għalhekk din is-sentenza hija limitata biss għal tali skop.

Wara li kkunsidrat id-deċiżjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Farrugia et v. Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd. et" Ċitaz. Nru. 265/03 u dak hemm ikkunsidrat u deċiż dwar il-pretensjonijiet ta' l-atturi, liema pretensjonijiet jiffirmaw il-bażi tal-kontestazzjonijiet tal-konvenut f'dawn il-proċeduri għat-talba avvanżata mis-soċjetà attriċi, il-Qorti tqis li kuntrarajment għal dak pretiż mill-istess konvenut l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri ma għandhomx jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti iżda għandhom jiġu sopportati unikament minnu in kwantu l-pretensjonijiet attriċi fl-aħħar mill-aħħar irriżultaw għal kollox iġġustifikati.

---

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Fol. 55 tal-proċess.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiddikjara li l-mertu tal-proċeduri odjerni huwa eżawrit stante li l-konvenut, in segwitu għas-sentenza fl-ismijiet "Anthony Farrugia et v. Baldacchino Holdings Limited ġia J.D.2M Ltd. et" Ċitaz. Nru. 265/03 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 2013 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronunċjata fit-30 ta' Mejju 2014, irritorna ċ-ċwievet ta' l-għalqa Tan-Nadur limiti taż-Żurrieq, tal-kejl ta' ċika sebgħat itmiem u ċioè 7868$m^2$ jew kejl verjuri, konfinanti Tramuntana ma' beni ta' Catherine Caruana, Xlokk ma' beni tas-soċjetà attriċi u Nofsinhar ma' Triq bla isem in parti u in parti ma' beni ta' l-eredi ta' Saverio Farrugia, lis-soċjetà attriċi, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż relattivi għal dawn il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**